MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 1139/1994/1

**Louis u Margaret konjugi Naudi**

**vs**

**Josephine Carmen *sive* Carmen Josephine Cassar mart Orazio *sive* Grezzju u minnu assistita ghal kull interess li jista' jkollu, Donald Cassar u Mary Grace Fava ghal kull interess li jista' jkollha u kif ukoll n-Nutar Dottor Mario Bugeja sabiex il-gudizzju jkun integru**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fit-12 ta' Settembru, 1994 li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi Silvio Vassallo miet fit-8 ta' Marzu 1994 u fost l-assi tieghu kellu depoziti bankarji kif ukoll l-fond 18 Stella Maris Street, Sliema;

Premess illi fid-9 ta' Marzu 1994 l-konvenuta Josephine Carmen Cassar a bazi ta' prokura li kellha minghand Silvio Vassallo, kienet zbankat s-somma STG 10,000 li l-istess Vassallo kellu depozitati fuq ismu mal-Bank of Valletta Limited;

Premess illi dak l-izbank kien irritu u null billi l-istess Cassar kienet zbankat meta l-prokura zgur ma kienetx aktar effikaci kemm stante l-mewt ta' l-istess Silvio Vassallo kif ukoll stante illi l-atturi ghandhom dubbji serji dwar l-validita ta' l-istess prokura u dan billi tali agir sar bi skopijiet frawdolenti;

Premess illi ghab-bazi ta' l-istess prokura l-istess Josephine Cassar bhala allegata mandatarja ta' Silvio Vassallo bieghet u trasferit lil binha l-konvenut Donald Cassar il-fond 18 Stella Maris Street, Sliema u dan permezz ta' kuntratt in atti Nutar Mario Bugeja tas-7 ta' April, 1994 ghall-istess raguni l-imsemmi kuntratt huwa irritu u null;

Premess illi l-eredi ta' Silvio Vassallo kienet martu Mary li mietet fis-26 ta' April, 1994 u wirtuha l-atturi;

Ghaldaqstant, talbu l-atturi lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara bhala irritu u null l-izbank mill-Bank of Valletta Limited tas-somma ta' STG 10,000 fuq imsemmija ghar-ragunijiet premessi;

2. Tikkundanna lill-konjugi Cassar li jhallsu s-somma ta' STG 10,000;

3. Tiddikjara irritu u null il-kuntratt fuq imsemmi ta' trasferiment fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja Street, Sliema ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti u bl-imghaxijiet ta’ 8% fis-sena mid-9 ta’ Marzu 1994 relattivi ghat-tieni talba u bl-ispejjez tal-mandat ta’ inibizzjoni li qed jigi prezentat kontestwalment u b’rizerva ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-atturi kontra l-konvenuti jew min minnhom;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess atturi u l-lista tax-xhieda minnhom indikati u d-dokument esebit;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Nutar Dottor Mario Bugeja pprezentata fis-17 ta’ Ottubru, 1994 u li permezz taghha eccepixxa:-

1. Preliminarjament illi huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur f’din il-kawza u l-ingunzjoni tieghu sia ghall-integrita tal-gudizzju kif ukoll ghal kwalsiasi raguni ohra hija irritwali u dana peress illi huwa ma huwiex parti fil-kuntratt jew zbank li qed jigu attakkati f’din il-kawza;

2. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, l-eccipjent kategorikament jichad li huwa xjentement ghamel xi haga irregolari fl-operat tal-ministeru tieghu ta’ Nutar Pubbliku u minn issa jirrizerva li jiehu dawk l-azzjonjiet kollha lilu spettanti kontra l-attur sabiex jipprotegi l-interessi tieghu rigward l-allegazzjonijiet infondati ta’ l-atturi fil-konfront tieghu;

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess Nutar konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta Mary Grace Fava pprezentata fid-19 ta’ Ottubru, 1994 u li permezz taghha eccepiet:-

Illi in linea preliminari, l-eccipjenti mhijiex il-legittimu kontradittur u kwindi ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-atturi;

B’rizerva ta’ eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Donald Cassaripprezentata fid-19 ta’ Ottubru, 1994 u li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi kwantu ghall-ewwel zewg talbiet kontenuti fic-citazzjoni, l-eccipjent mhuwiex il-legittimu kontradittur u kwindu ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-atturi;

2. Illi kwantu ghat-tielet talba, din hija insostenibbli kwantu qed jintalab in-nullita tal-kuntratt kollu stante li l-imsemmi Silvio Vassallo kien jippossjedi biss nofs indiviz tal-fond in kwistjoni mentri bil-kuntratt imsemmi gie trasferit ukoll in-nofs indiviz appartenenti lil Mary Vassallo;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, ghar-rigward is-sehem ta’ Silvio Vassallo tal-fond li gie effettivament trasferit lill-eccipjent, l-atturi m’ghandhom ebda interess guridiku stante li skond l-ahhar testment ta’ l-istess Silvio Vassallo, l-unika werrieta tieghu wara l-mewt ta’ martu Maria Vassallo (li fil-fatt mietet qabel ma giet istitwita din il-kawza) hija omm l-eccipjent u cioe Carmen Cassar;

B’rizerva ta’ eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut Donald Cassar u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti l-ohra Josephine Carmen *sive* Carmen Josephine Cassar u

zewgha Grezzju Cassar pprezentata fid-19 ta’ Ottubru, 1994 u li permezz taghha eccepew:-

1. Illi in linea preliminari, l-eccipjenti jissollevaw il-karenza ta’ interess guridiku fl-atturi u dan fir-rigward tat-talbiet kollha dedotti fic-citazzjoni kwantu jolqtu l-assi mhollija minn Silvio Vassallo;

2. Illi kwantu l-istess talbiet dedotti jolqtu xi assi li kellha waqt hajjitha Mary Vassallo, l-assi trasferiti *inter vivos* ma jistghux jigu attakkati gjaladarba l-prokura rilaxxjata minn Maria Vassallo affavur ta’ l-eccipjenti Carmen Cassar ma ntalbitx ir-rexxissjoni taghha la f’din il-kawza u lanqas f’xi kawza istitwita qabel dik odjerna;

B’rizerva ta’ eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenuti u l-lista tax-xhieda minnhom indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet tat-2 ta’ Marzu, 1995 li permezz tieghu gie nominat bhala espert gudizzjarju Dr. Mark Chetcuti sabiex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet sollevati, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tal-ghoxrin ta’ Frar, 2009 li permezz tieghu gie sospiz l-inkarigu moghti lill-espert gudizzjarju;

Rat l-affidivats u d-dokumenti pprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda migbura;

Rat in-Noti ta’ sottomissjonijiet ipprezentati;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Hu sew li jibda biex jigi rilevat illi bil-mod li hija fformulata l-istanza ta’ l-atturi, din ghandha bhala presuppost taghha, f’tema legali, illi l-konvenuti agixxew b’mod li ddefrewdaw l-assi li kellhom il-konjugi Silvio u Mary Vassallo. Ghall-precizazzjoni, il-kontestazzjoni f’din il-kawza originat kollha mill-fatt illi l-konvenuta Josephine Carmen Cassar ghamlet uzu minn prokura konferita lilha anke wara l-mewt ta’ l-imsemmi Silvio Vassallo. Jikkonsegwi illi, allura, il-Qorti ghandha qabel xejn taffronta l-kwestjoni li titwieled mill-fatt li dik il-konvenuta, permezz tal-ministeru tan-Nutar Carmel Martinelli, giet nominata prokuratrici tal-mizzewgin Vassallo fit-23 ta’ Frar, 1994 (ara d-dokument tal-prokura a fol. 32);

Ghandu jinghad qabel xejn illi l-prokura hi dik in-negozju guridiku li permezz tieghu soggett wiehed jikkonferixxi lill-iehor l-awtorizzazzjoni biex jagixxi ghan-nom, fl-interess tieghu jew biex jaghmel certi atti guridici f’ismu bl-effett taghhom jimpingi fuq l-isfera guridika ta’ l-awtorizzant. Hi proposizzjoni komuni illi l-prestazzjonijiet li jaghmel il-prokuratur jew il-mandatarju huma “*di fare*” f’liema kaz, skond il-principji generali tad-dritt, dan hu mistenni li jagixxi bid-diligenza tal-missier tajjeb tal-familja espressa mill-Artikolu 1132 tal-Kodici Civili kif rikjest mic-cirkostanzi tal-kaz. Ifisser, ghaldaqstant, illi l-kondotta tieghu trid tkun wahda pari passu ma’ l-intenzjoni effettiva tal-mandanti tieghu u b’mod li twassal ghal konsegwiment ta’ rizultat utli u necessarjament favorevoli. Jekk hu ma jsegwix dan il-mudell ta’ imgieba jista’ jsib ruhu responsabbli u debitament sanzjonat fejn jonqos li jastjeni milli jiehu inizzjattivi proprji. Dan huwa hekk ghaliex skond dixxiplina normattiva huwa “ma jista’ jaghmel xejn li johrog mil-limiti tal-mandat” (Artikolu 1864, Kodici Civili). Proprju, skond id-dottrina l-aktar akkreditata f’kazijiet ta’ din ix-xorta d-diligenza hi kwalifikata bhala dak “*il criterio di determinazione del contenuto della prestazione, indicando essa la misura dell’attuazione e dello sforzo psicologico che il debitore deve adottare per attuare la prestazione*” (**Luminoso**, “**Il mandato e la commissione**”, Trattato, Rescigno, XXI, Torino, 1985, p 129, citata f’*footnote* fl-

opra tal-**Franzoni** (“**Le Obbligazioni**”, Utet, 2004 pagna 258);

Premessa din l-introduzzjoni qasira, huwa konvenjenti li jigu fil-kaz in ispecje enfasizzati dawn il-fatti:-

1. Kif diga nghad, il-konvenuta Josephine Carmen Cassar, li kienet *carer* tal-konjugi Vassallo mqabbda mill-Awtorita` kompetenti, giet minn dawn nominata prokuratrici taghhom skond prokura generali. Din il-prokura giet redatta fl-istess jum (23 ta’ Frar, 1994) li fih il-konjugi Vassallo ghamlu testment *unica charta* gdid atti Nutar Martinelli, u li permezz tieghu nnominaw eredi lil xulxin b’legat *di residio* cum legat rimuneratorju lill-imsemmija konvenuta. Ara kopja tat-testment a fol. 30. Ta’ min josserva illi l-konjugi Vassallo kien diga kellhom prokuratur iehor fil-persuna ta’ l-atturi. Ara kopja tal-prokura relattiva datata 23 ta’ April 1992 a fol. 57;

2. Jigi rilevat illi dik il-konvenuta waqqfet, fuq inizzjattiva taghha s-servizzi taghha ta’ *carer* fit-2 ta’ Frar, 1994. Ara deposizzjoni ta’ Victor Scerri a fol. 164. Jirrizulta illi f’dan l-istess perijodu il-konjugi Vassallo ttiehdu mill-fond taghhom f’tas-Sliema fid-dar ta’ omm l-imsemmija konvenuta f’Hal Luqa;

3. Silvio Vassallo miet nhar it-8 ta’ Marzu, 1994 fid-dar tal-konvenuta Mary Grace Fava, omm Josephine Carmen Cassar. Ara Certifikat tal-Mewt a fol. 11;

4. L-ghada, 9 ta’ Marzu, 1994, l-istess Josephine Carmen Cassar zbankat is-somma ta’ £STG 10,000 (Lm5813.62) mill-kont tal-Bank of Valletta intestat f’isem Silvio Vassallo. Dan ghamlitu bis-sahha tal-prokura li kienet inghatat lilha. Gja qabel dan l-izbank l-istess konvenuta kienet gibdet flejjes minn kont iehor fl-istess jum li fih miet Silvio Vassallo. Ara xhieda ta’ Henry Delezio a fol. 228;

5. Irrizulta wkoll illi dejjem in forza ta’ dik l-istess prokura Josephine Carmen Cassar ittrasferiet fl-atti tan-

Nutar Mario Bugeja lil binha Donald il-fond tal-konjugi Vassallo numru 18 Triq Stella Maris, Sliema. Il-kuntratt relattiv a fol. 8 hu datat 7 ta' April, 1994, ossija l-istess jum li fih Mary Vassallo, bl-intervent tal-Pulizija, ittiehdet minn Hal Luqa ghad-dar ta' ohtha Annie Rossi f'tas-Sliema. Din Mary Vassallo mietet fis-26 ta' April 1994 bil-mewt taghha konsegwita minn awtopsja, kif ahjar dettaljat fl-atti tal-Process Verbal a fol. 241;

6. Skond il-konvenuta Josephine Carmen Cassar kienet Mary Vassallo li qaltilha biex tizbanka l-flejjes wara l-mewt ta' zewgha (ara xhieda tagha *in calce* a fol. 197) u kienet ukoll l-istess Mary Vassallo li qaltilha biex il-fond titrasferih lil Donald, ghax hi mieghu kellha grazzja (fol. 198). Diskors f'dan is-sens hu mtenni minn Donald Cassar fl-Affidavit tieghu (fol. 202). Ta' rilevanza li jigi annotat illi skond l-istess konvenuta, fi kliemha stess, "jien lin-Nutar Bugeja ghidtlu b'dak li Mary kienet qaltli biex naghmel u jien ma kontx naf li lilu kelli nghidlu li Silvio Vassallo kien miet" (fol. 198);

7. B'testment tal-10 ta' April, 1994, Mary Vassallo nnominat lill-atturi bhala eredi taghha, u hatret ukoll lill-attur permezz ta' prokura bhala l-prokuratur taghha. Ara fol. 251 u fol. 256;

Esposti dawn il-ftit fatti, il-Qorti tara li mill-kumulu tal-provi, korroborati mill-indizzji tac-cirkostanzi saljenti li jinzlu minnhom, ghandhom iwassal f'din l-istanza ghal konsiderazzjonijiet li gejjin:-

1. Bhal fil-kaz tal-mandat, ex-Artikolu 1886 Kodici Civili, il-mewt iggib l-estinzjoni tal-prokura, b'mod li l-konvenuta Josephine Carmen Cassar ma setghetx, avverata l-mewt ta' Silvio Vassallo, tkompli taghmel uzu minnha, u tamministra hwejgu. Kif jinzel minn certi riflessjonijiet maghmula fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-5 ta' Ottubru, 2001, in re: "**Joseph Aquilina *nomine* -vs- Jean Paul Mifsud *et nomine***", il-poteri li ghandu prokuratur, wiesgha kemm huma wiesgha, jemanu dejjem u jiddependu mill-principal mandanti tieghu li jkun

ikkonferilu l-mandat. "Hu imbaghad principju bazilari ta' dritt li ma jehtieg l-ebda elaborazzjoni illi l-mandat jispicca mal-mewt tal-mandant jew tal-mandatarju ... Il-konsegwenza ta' dan kollu hu illi l-mandatarju jkun gie ezawtorat mill-mandat tieghu ghaliex il-mandant ikun miet, liema mandatarju ma jistax jibqa' jippretendi li ghandu xi jedd jibqa' jamministra dak li kien tal-mandanti tieghu ... Hu jitlef kull *vires* malli tavvera ruhha l-mewt tal-mandanti tieghu";

2. Mill-kumpless tal-fatti dak li ghamlet il-konvenuta wara l-mewt ta' Silvio Vassallo ma kienx xi allegat eccess ta' poter fil-kummissjoni ta' l-atti lamentati fic-citazzjoni, kif normalment rikonoxxut mil-ligi u fil-gurisprudenza bhala "*eccesso di potere*", ossija l-ezekuzzjoni ta' xi att totalment differenti minn dak affidat mill-mandanti lill-mandatarju. Ara b'ezemplari "**Geraldo Rosso Frendo -vs- Molto Rev. Sac. Amabile Fenech**", Appell Civili, 19 ta' Gunju, 1927. Pjuttost, b'dak li ghamlet, u dana kif sostanzjalment jinsabu impernjati d-domandi u l-fatti relattivi, si tratta ta' illegalita ta' l-atti fihom infushom li saru fi zmien meta l-prokura, u, allura, id-dritt tar-rapprezentanza, kienet iccessat;

3. Il-Process Verbal juza l-espressjoni "*stage managed*" fir-rigward ta' l-operat tal-konvenuta Josephine Carmen Cassar, u li, inoltre, din irrendiet ruhha hatja ta' falsifikazzjonijiet u qerq. In partikulari, dan fil-kaz tal-kuntratt tat-trasferiment tal-fond li sar minnha lil binha dizokkupat b'effett ta' dik il-prokura estinta u dan minghajr ma sar konvenju u r-ricerki soliti. Indubbjament, il-konvenuta abuzat mill-fiducja riposta fiha b'dik il-prokura, u ghalkemm hi tiddefendi ruhha bl-iskuzanti li kienet Mary Vassallo li qaltilha taghmel dan il-kuntratt, din il-Qorti mhix lesta taghti affidament lil din id-difiza. Ghall-kuntrarju hi l-fehma ponderata taghha illi l-imsemmija konvenuta intenzjonalment riedet tissodisfa b'mod esklussiv l-interess proprju taghha ta' natura ekonomika billi ddawwar ghaliha flejjes jew proprjeta`, ghal vantagg taghha nfisha jew tat-terz binha;

4. Evidentement, l-irrizorjeta tal-valur tal-fond (Lm7000) skond il-kuntratt, u li incidentalment lanqas ma thallas, hu certament fattur rilevanti, almenu fir-ricerka tal-malafede, anke ghaliex tista' tikkomprova r-rekwizit tal-ligi li l-artifizji adoperati kienu tali li mill-vixxri taghhom jinzel il-qerq. Jinghad fis-sentenza "**Giuseppa Dalli *et* -vs- Michael Attard**", Appell Civili, 26 ta' Gunju, 1961, b'citazzjoni mil-**Laurent** (**Principii di Diritto Civile**, Vol. XV, para 523), illi "*la froda assume come Proteo, mille ed una forma. E` una quistione di fatto*", u, allura, l-element tal-valur jista' jinfluwixxi sensibilment l-indagini ta' l-allegat agir doluz. Dan, s'intendi, apparti aspetti ohra gja accennati;

5. Il-komunanza ta' l-interess bejn Josephine Carmen Cassar u binha, il-konvenut Donald Cassar, hi evidentissima. Sew ir-rapport strett ta' parentela u l-fatt tal-konvivenza, jikkostitwixxi indizju serju tal-propozitu li l-imsemmija konvenuta riedet tivvaforixxi lil binha, b'dan ta' l-ahhar indubbjament koxjenti mill-fatt tal-mewt ta' Silvio Vassallo u tal-konflitt ta' interess lil kellha ommu. Fil-prattika, l-abbuz jista' jkun determinat mill-agir wahdu tal-prokuratur jew anke b'kolluzjoni ta' dan ma' terza persuna. F'din l-ahhar eventwalita ma jistax ma jigix sostenut illi l-intiza frawdolenti hi konsiderat ghal dak l-att illecitu kkontemplat mill-Artikoli 1031, 1032 u 1033 tal-Kapitolu 16, in kwantu skaturenti mill-ksur ta' dak l-obbligu legali li ma tintghamelx uzu minn prokura, li l-effetti taghha kienu spiccaw bil-mewt ta' min harigha. Il-fatt li, kif ammess mill-istess konvenuta, hi naqset li tinforma lin-Nutar bil-mewt ta' Silvio Vassalo, ma tistax titqies bhala xi espressjoni ta' injoranza daqskemm ta' habi u ta' arkitettar permezz ta' raggiri. Jigifieri, l-adoperu *scienter* ta' dik il-falza rapprezentazzjoni, l-artifizji frawdolenti u l-ingann, ghal liema jirreferu s-sentenzi fl-ismijiet "**Farrugia Guy *utrinque***", Prim' Awla, Qorti Civili, 3 ta' Mejju, 1921, "**Joseph Mifsud *nomine* -vs- Paul Tanti**", Prim' Awla, Qorti Civili, 4 ta' Frar, 1965 u "**Joseph Galea *et* -vs- AIC Walter Caruana Montaldo**", Appell Civili, 14 ta' Mejju, 1971, fost ohrajn;

6. In kwantu jikkoncerna l-involviment tan-Nutar Bugeja, il-Qorti taqbel li dan ippekka b'leggerezza inkredibbli kif hekk, wisq korrettement, rilevat fil-Process Verbal. Hu principju rikonoxxut, almenu fid-dottrina u fil-gurisprudenza Taljana, illi "*il notaio professionista e` tenuto ad espletare l'incarico che le parti gli affidano con la diligenza media di un professionista sufficienetemente preparato ed avveduto*", (**Cass. 18 ta' Frar 1981, Nru 982**). Inoltre jigi profess illi "*in baze a tale principio, si entra tra gli oblighi del notaio, al quale sia richiesta le stipulazione di un contratto di compravendita immobiliare, lo svolgimento delle attivita accessorie e successive necessarie per il conseguimento del risultato voluta dalle parti ed in particolare il compiamento delle cosidette 'visure' catastali ed ipotecarie allo scopo di individuare esattament il bene e verificarne la liberta`, salvo espresso esonero del notaio da tale attivita` per concorde volonta` dalle parti*" (**Cass. 13 ta' Gunju, 2002, Numru 8470**). Ara f'sens konformi s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri tat-28 ta' April, 2009 per Magistrat Anthony Ellul fil-kaz fl-ismijiet "**Lec Limited -vs- Tabbingtons Limited *et***". Ara wkoll "**Carmel Galea *et* -vs- Nutar Pubbliku Dott. Pierre Falzon**", Appell Superjuri, 9 ta' Ottubru, 2009. Maghdud dan, il-Qorti b'danakollu ma tistax ma tinnotax illi l-ebda talba ghad-danni minhabba negligenza professjonali ma giet proposta kontra n-Nutar Bugeja. Ugwalment, ghandu jigi notat illi ankorke dik il-leggerezza tista' tkun fonti ta' responsabilita extra kontrattwali di fronte ghall-atturi terzi, ma jirrizultax, imbaghad, illi l-imsemmi Nutar ha xi parti attiva fl-illecitu kommess mill-kontraenti bil-kuntratt ippubblikat minnu fis-7 ta' April, 1994;

7. Similment, f'din l-istess ekwazzjoni ma ticcentra bl-ebda mod il-konvenuta l-ohra Mary Grace Fava, u allura hu kondiviz l-assunt taghha illi hi, in bazi ghat-talbiet kif ifformulati, ma kellhiex, u ma ghandhiex, titqies bhala legittima kontradittrici.

Ghal motivi kollha premessi, il-Qorti:-

Taqta’ u tiddeciedi l-ewwel talba billi tiddikjara li l-izbank ta’ ghaxart elef sterlina (£STG 10,000) mill-Bank of Valletta huwa irritu u null. Konsegwentment, tilqa’ wkoll it-tieni talba billi tikkundanna lil Josephine Carmen Cassar u lil Orazio *sive* Grezzju Cassar, minnu assistita, jirrifondu lill-atturi s-somma hekk zbankata. Finalment, ukoll, fis-sens tal-konsiderazzjonijiet predetti, il-Qorti qeghda tiddikjara bhala null il-kuntratt tas-7 ta’ April 1994 atti Nutar Mario Bugeja, ta’ trasferiment tal-fond 18 Stella Maris Street, Sliema li sar minn Josephine Carmen Cassar lil binha Donald Cassar. L-ispejjez relattivi ta’ din l-istanza jitbatew kwantu ghall-ewwel zewg talbiet mill-imsemmija Josephine Carmen Cassar u Orazio Cassar u kwantu ghat-tielet talba solidalment mill-istess Josephine Carmen Cassar u Donald Cassar. Billi ma saretx il-prova debita ta’ xi immiskjar frawdolenti fil-konfront tal-konvenut in-Nutar Mario Bugeja, l-ispejjez relattivi jitabtew mill-atturi u hekk ukoll bl-akkoljiment ta’ l-eccezzjoni relattivi ghandhom jibqghu a kura ta’ l-atturi l-ispejjez gudizzjarji fil-konfront tal-konvenuta Mary Grace Fava.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------